**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR. (EU LAW)**

**Seduta ta' l-Erbgha 30 ta' Mejju 2001**

Citazzjoni numru 168/96

Joseph Cassar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' J. Cassar Commercial Plant Sales Limited precedentement maghrufa bhala Joseph Cassar Auto Parts Limited

-vs-

Jude Thaddeus sive Teddy Rapa u Francesco sive Frank Rapa bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Rapa Marbles Limited u illi b'digriet tal-24 ta' Ottubru 1996 isem is-socjeta' "Rapa Marbles Limited" gie sostitwit b'"Rapa Brothers Limited" u b'digriet tal-25 ta' Frar 1997 gie revokat dan id-digriet *contrario imperio*

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta illi huwa jinsab kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf mitejn u dsatax-il lira Maltin (Lm1219.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq spare parts lilu mibjugha u kkonsenjati, invoices immarkati Dokument B u prospett immarkat Dokument C.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur nomine hawn anness u markat Dokument "A" m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigi kkundannat ihalas lill-attur is-somma ta' elf mitejn u dsatax-il lira Maltin (LM1219.00) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine, l-lista tax-xhieda tieghu u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jude Thaddeus sive Teddy Rapa nomine li eccepixxa:

1. L-illegittimita tal-persuna tieghu li joqghod f'dan il-gudizzju bil-mod kif citat peress illi huwa m'ghandux ir-rapprezentanza tas-socjeta' Rapa Marbles Ltd, u lanqas ebda konnessjoni diretta jew indiretta, attwali jew potenzjali ma' xi socjeta' li ggib dak l-isem.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mill-attur, la hu dovut mill-konvenut eccipjenti personalment u lanqas minn xi socjeta' li taghha huwa ghandu r-rapprezentanza legali.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu inkluz il-lista tax-xhieda hemm akkluza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Rapa nomine fejn eccepixxa:

1. illi in linea preliminari, l-esponenti ma jirrapprezenta ebda socjeta' maghrufa bhala "Rapa Marbles Limited" u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. illi kwindi, fil-kwalita' tieghu citata, l-esponenti m'ghandu jaghti xejn mill-ammont pretiz mill-attur nomine;

3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma *ictu oculi* kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2149 ta' l-istess Kodici; u dik ta' hames snin a tenur ta' l-artikolu 2156(F) ta' l-imsemmija Kodici.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontesta illi bhala fatt huwa jew xi kumpanija illi huwa jirrapprezenta jew ghandu xi sehem minnha, xtara jew akkwista minghand is-socjeta' attrici il-parts imsemmija jew indikati fic-citazzjoni u kwindi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda annessa.

Ikkunsidrat:

Iz-zewg konvenuti citati skond il-ligi ta' procedura veljanti dak iz-zmien ssollevaw il-kwistjoni ta' l-illegittimita tal-persuna. Essenzjalment huma jghidu li ma jirrapprezentaw ebda socjeta' bl-isem ta' "Rapa Marbles Limited".

Mill-atti processwali jirrizulta bhala fatt illi kienet intalbet korrezzjoni li kienet giet inizjalment akkolta fil-24 ta' Ottubru 1996 (vide folio 32) izda li sussegwentement u precisament fil-25 ta' Frar 1997 kienet giet revokata "Contrario imperio" (vide il-verbal tas-seduta folio 35).

Minn dak iz-zmien l-ebda talba ohra ma saret ai termini ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap 12. Issa mill-provi ghandu jirrizulta wisq car li s-socjeta' li kellha tigi imharka kellha tkun "Rapa Brothers Limited" u mhux "Rapa Marbles Limited". Dan il-fatt proprju jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur nomine fejn b'referenza ghall-fattura 383, li ssejjah lil "Rapa Marbles", spjega li "sar hekk ghall-fini ta' konvenjenza minhabba l-indirizz imma kien dejjem intiz

ghall-ahwa Rapa taht il-kumpanija taghhom "Rapa Brothers".

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet ta' l-attur nomine fil-forma prezenti ma jistghux jigu milqugha molto piu' meta anke jekk, ghal-grazzja ta' l-argument, mill-provi jirrizulta illi hemm xi flus dovuti, l-istess m'humiex certament dovuti mis-socjeta', jew allegat tali, li giet imharka u din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tieqaf hawn.

Ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-attur nomine bl-ispejjez kontra tieghu.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur